

Brussell, 25 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10653/19

RESPR 33
CADREFIN 288
FIN 437
POLGEN 130

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Riżorsi Propriji u sorsi ġodda potenzjali ta' dħul
– *Dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni*

Fid-dawl tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tad-9 ta' Lulju 2019, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar Riżorsi Propriji u sorsi ġodda potenzjali ta' dħul.

Dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni

RIŻORSI PROPRI USORSI ĠODDA POTENZJALI TA' DĦUL

Bħala parti mill-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali propost f'Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet li timmodernizza l-finanzjament tal-baġit tal-UE, inkluż simplifikazzjoni tas-sistema eżistenti u diversifikazzjoni tas-sorsi ta' dħul. Ir-riforma proposta tas-Sistema tar-Riżorsi Propriji tinkludi **"basket" ta' Riżorsi Propriji ġodda** marbuta mal-politiki tal-UE dwar l-ambjent u s-suq uniku – kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata fuq l-ammont ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat f'kull Stat Membru; 20 % tad-dħul mis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; sehem mill-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva ġdida, li għandha tiġi introdotta gradwalment hekk kif tiġi adottata l-leġislazzjoni neċessarja.

Id-diversifikazzjoni tar-riżorsi propriji kif proposta mill-Kummissjoni tallinja l-baġit tal-UE aktar mill-qrib maċ-ċikli ekonomiċi nazzjonali u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE. Huwa stmat li t-tliet riżorsi propriji l-ġodda jammontaw għal medja ta' madwar **EUR 22 biljun fis-sena matul il-perijodu 2021–2027**. Dan jikkorrispondi għal madwar 12 % tad-dħul tal-baġit tal-Unjoni – li kieku jkun jeħtieġ li jiġi kopert mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri abbażi tad-Dħul Nazzjonali Gross tagħhom.

Kif rifless fir-rapport ta' progress tal-Presidenza, ir-**Riżorsa Proprija bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik** laħqet l-akbar appoġġ fost l-Istati Membri. Id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendata dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ f'Lulju 2018, li introduċiet regoli ta' kalkolu aktar armonizzati għall-miri l-ġodda ta' riċiklaġġ u livell oġhla ta' komparabbiltà fost l-Istati Membri ffaċilita d-diskussjonijiet dwar id-disponibbiltà tad-data. Fir-rigward tar-Riżorsi Propriji l-ġodda l-oħra proposti f'Mejju 2018, is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet irċeviet appoġġ minn xi Stati Membri. Il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva twarrbet bħala Riżorsa Proprija minħabba n-nuqqas ta' progress f'dan il-fajl fil-Kunsill.

Fl-istess ħin, xi Stati Membri talbu lill-Kummissjoni **biex tesplora sorsi ġodda oħra ta' dħul**, b'mod partikolari dawk marbuta mas-suq intern u/jew l-ambjent. Il-Kummissjoni dejjem esprimiet ir-rieda tagħha li tikkunsidra Riżorsi Proprji ġodda jekk dawn ikunu appoġġati mill-Istati Membri.

L-identifikazzjoni ta' **sors ġdid ta' dħul ġenwin tal-UE** li ma jistax juża sorsi eżistenti ta' dħul pubbliku jista' jindika t-triq 'il quddiem. Sorsi ġodda ta' dħul inaqqsu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali u għalhekk jilliberaw riżorsi li kieku jkollhom jiġu pprovduti mill-baġits nazzjonali. Dawn jistgħu jgħinu biex jitnaqqas id-distakk bejn il-livelli meħtieġa tan-nefqa, f'kuntest ta' sfidi dejjem akbar għall-baġit tal-UE, u l-ħtieġa għall-kontribut mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali eżistenti. F'dan l-isfond u meta wieħed iqis is-sejħa mill-Istati Membri, jistgħu jiġu kkunsidrati riżorsi proprji ġodda oħrajn.

Il-Ministri jistgħu jistiednu lill-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali / Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji jkollu skambju inizjali bil-ħsieb li jeżamina r-riżorsi proprji ġodda rilevanti. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal ftehim dwar id-deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex telabora l-għażliet jekk ikun hemm indikazzjoni ta' appoġġ mill-Istati Membri.

Il-progress rapidu fuq ir-Riżorsi Proprji ser ikun deċiżiv biex jintlaħaq ftehim dwar il-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali b'mod ġenerali.